

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.7061 – Huntsman Corporation/Equity Interests held by Rockwood Holdings)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 41/04)

1. Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Huntsman International LLC, sussidjarja proprjetà sħiħa ta' Huntsman Corporation (Huntsman, l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' ċerti interessi ta' ekwità miżmuma minn Rockwood Specialties Group Inc. ("in-Negozju Akkwistat") permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Huntsman: produzzjoni globali ta' firxa wiesgħa ta' kimika ta' speċjalità u intermedja,
 - għan-Negozju Akkwistat: produzzjoni tasd-diossidu tat-titanju u addittivi funzjonali (negozzju operat taħt l-isem "Sachtleben"), u l-produzzjoni ta' pigmenti tal-kulur, kimika għat-trattamenti u għall-protezzjoni tal-injam, kimika għat-trattament tal-ilma u l-fornitura ta' spare parts tal-gomma għall-vetturi (negozzju operat taħt l-isem "Gomet").
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7061 – Huntsman Corporation/Equity Interests held by Rockwood Holdings, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").